**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 014 /2017**

**RB u VB, u MM (l-ilmentaturi)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.*** **(C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tal-20 ta' Novembru 2018**

**L-Arbitru,**

**Ra l-ilment** fejn l-ilmentaturi jghidu li kellhom t-telf ta' kapital mill-investiment fl-*LM Managed Performance Fund*, *3 Year*, (LMMPF) ta' €50,500 fil-kaz ta' RB u VB li sar f'Jannar 2011; u fil-kaz ta' MM, telf ta' €130,000 fl-*LM Managed Performance Fund, 3 Year,* li sar ukoll f'Jannar 2011.

L-ilmentaturi jghidu li matul il-perjodu li beda minn Gunju 2010 sa Jannar 2011, *All Invest Company Ltd*. ma mxietx fl-ahjar interess taghhom kif mitlub mir-regim regolatorju applikabbli, kif ukoll naqset mill-obbligi fiducjarji taghha fil-konfront taghhom, inkluz obbligi naxxenti minn Artikoli 1124A u 1124B tal-Kodici Civili, meta din tat parir u bieghet lill-ilmentaturi prodotti ta' riskju gholi u kumplessi li ma kinux *suitable* jew *appropriate* ghalihom, primarjament, ghaliex huma ma kellhom l-ebda taghrif fl-investimenti u l-ebda esperjenza precedenti fl-investimenti, kemm f'dawk semplici, wisq anqas f'investimenti kumplessi.

L-ilmentaturi jilmentaw li d-Direttur ta' *All Invest Company Limited* approfitta ruhu min-nuqqas ta' esperjenza taghhom u ghaggilhom biex jiffirmaw dokumenti jew formoli li kienu intizi sabiex jaghtu protezzjoni legali lill-provditur tas-servizz ghall-*misselling* li kien qed jaghmel, u dan minghajr ma qralhom jew fehemhom il-kontenut tal-istess dokumenti jew formoli, meta l-ilmentaturi la jifhmu, la jafu jaqraw u lanqas jiktbu bl-Ingliz.

Il-provditur tas-servizz naqashom ukoll meta heba r-riskji li jgorru investimenti kumplessi *asset based* u *property funds* bhal dawk suggeriti u mixtrija ghan-nom tal-ilmentaturi.

L-ilmentaturi jilmentaw li l-provditur tas-servizz naqshom meta ma tahomx kopji ta' dokumenti, fosthom, il-*Client Fact Finds*, *File Notes* u *Experienced Investor Declarations,* li jmur kontra l-principji bazilari stabbiliti fi "*prassi segwita f'oqsma finanzjarji u l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi".*

Il-provditur tas-servizz naqas ukoll milli jaghti rendikont tar-rimunerazzjoni li kienet qed tircievi *All Invest Co. Ltd*. ghas-servizzi taghha kif mistenni li jaghmel bhala ISP licenzjat.

Bil-komportament tieghu, il-provditur tas-servizz ma adempixxiex l-obbligi kuntrattwali tieghu meta l-agir tieghu kien jikkostitwixxi f'negligenza, *culpa lata* u *recklessness* u, ghalhekk, huwa hati ta' *investment misselling* u dan meta l-investiment li nbieghilhom ma kienx kompatibbli mac-cirkostanzi personali taghhom, mal-objettivi finanzjarji taghhom u lanqas mal-attitudni tar-riskju taghhom u, ghalhekk, ma setax jitqies li kien *suitable* jew *appropriate* ghalihom.

Peress li l-investiment ma kienx in linja mat-taghrif fl-investiment u l-esperjenza fl-investiment tal-ilmentaturi, ma kinux f'pozizzjoni li jifhmu r-riskji involuti f'dak l-investiment u, ghalhekk, ma setghux jiehdu decizjoni infurmata dwaru.

Illi ma sar l-ebda *due diligence* bil-ghaqal tal-prodott qabel dan gie mibjugh lill-ilmentaturi, kif ukoll is-*suitability test* sar bi traskuragni, minghajr hila u b'nuqqas ta' diligenza u kura.

L-ilmentaturi qeghdin jitolbu lill-Arbitru sabiex jigu kkumpensati b'mod li jitpoggew fis-sitwazzjoni finanzjarja taghhom precedenti ghall-investiment f'dan il-prodott billi tigi restitwita s-somma ta' €50,500, fil-kaz ta' RB u VB u ta' €130,000, fil-kaz ta' MM, flimkien mal-imghaxijiet kif kontenuti fl-istess ilment.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghar pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, is-suggett tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa fi-rigward ta' RB u VB - €50,500 fl-*LM Managed Performance Fund, 3 Yr*, li sar f'Jannar 2011, u fir-rigward ta' MM -

€130,000 fl-*LM Managed Performance Fund, 3 Year,* li sar f'Jannar 2011 jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi;

2. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta *ai termini* tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentaturi ttiehed b'xi qerq jew li ma setghux jikkomprendu l-portata tar-riskju jew li ma kinux informati bin-natura u riskji tal-investimenti b'tali mod li kieku ma kinux jidhlu ghalihom;

4. Illi hemm kunflitt lampanti, u inkompatibilità bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital u t-talbiet fl-ilment – l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital, mentri t-talbiet jirrigwardaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet igorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta – u, ghaldaqstant, it-talbiet tal-ilmentaturi m'ghandhomx jintlaqghu;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hi l-investiment *de quo* [*All Invest Company Ltd*. hija biss intermedjarju], u, ghaldaqstant, ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf li l-investimenti setghu garrbu l-ilmentaturi;

6. Illi *ai fini* tal-ewwel talba u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, s-socjetà intimata mhux responsabbli ghal ebda telf jew dannu li seta' gie soffert mill-ilmentaturi la minhabba nuqqas li thares l-ahjar interess tal-klijenti taghha, la minhabba nuqqas li tadempixxi l-obbligi legali taghha (inkluz kwalsiasi obbligi kuntrattwali u/jew fiducjarji li seta' kellha) fil-konfront tal-istess ilmentaturi, la minhabba *investment misselling*, u lanqas minhabba xi komportament iehor kif allegat mill-ilmentaturi;

7. Illi għall-fini tat-tieni u t-tielet talba, ma hux minnu li l-eċċepjenti ma aġixxietx sew, jew aġixxiet bi ksur ta' xi obbligi inkluż dawk kontrattwali fil-konfront tal-ilmentaturi u l-eċċepjenti tiċħad fermament l-allegazzjonijiet illi l-aġir tagħha jikkostitwixxi '*negligenza grossolana*, *culpa lata u recklessness'* u li hija ħatja ta' *misselling* u, għaldaqstant, m'għandhiex tinsab responsabbli għal ebda danni fil-konfront tagħhom;
8. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, t-talba tal-ilmentaturi għall-imgħaxijiet fil-ħames talba tal-ilment hija legalment insostenibbli; illi fl-2008 u fis-snin sussegwenti d-dinja għaddiet mill-akbar kriżi fis-swieq finanzjarji mis-snin 1930 'l hawn. Għalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiż-żmien in kwistjoni, l-ilmentaturi ma jistgħux jassumu, *con il senno del poi,* illi kieku investew flushom f'investiment ieħor il-kapital tiegħu kienu ser jibqa' sħiħ u/jew li kien ser jagħmel dħul jew tkabbir kapitali matul il-perjodu tal-investimenti tagħhom kif qed jippretendu fl-ilment tagħhom;
9. Illi s-sitt talba ma hiex kontemplata fil-Liġi u, għaldaqstant, anke kieku dan it-Tribunal Arbitrali kellu jilqa' t-talbiet attriċi l-oħra, din it-talba hija improponibbli;
10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-*affidavits* tal-partijiet u x-xhieda tal-provditur tas-servizz;

Ra l-atti kollha tal-każ.

**Jikkonsidra:**

***Eċċezzjonijiet Preliminari***

Fl-ewwel eċċezzjoni l-provditur tas-servizz jgħid li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

Iżda, jirriżulta kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esebiti, li l-provditur tas-servizz ta parir u investa l-flus lill-ilmentaturi u kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejnu u bejnhom u, għalhekk, huwa l-leġittimu kontradittur.

***Eċċezzjonijiet dwar Preskrizzjoni***

Il-provditur tas-servizz qed jecepixxi l-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

'*L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2). Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza.'*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna irritenew li din il-preskrizzjoni tapplika biss fejn hemm htija akwiljana indipendenti mit-twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali:

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '***Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze',***[1] il-Qorti spjegat:

*'Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin …….*

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere……….*

[1] Deciza fid-19 ta' Mejju 2005

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghal htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali.*

*Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali,* ***jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet.***[2]

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.'*

Fil-kaz odjern, il-provditur tas-servizz biegh prodott finanzjarju u dahal f'rabta kuntrattwali mal-ilmentaturi kif jirrizulta mill-*Purchase Contract Note*[3] u dokumenti ohra bhall-ircevuta u l-*Interest Advices*, liema kuntratt huwa ta' natura specjali peress li min bieghu, huwa *Licence Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, japplikaw ghalih regolamenti specjali kif ser jintqal aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Kif gie deciz mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] ghal kazi bhal dak odjern ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquliana* imma tapplika l-preskrizzjoni fejn hemm tnissil minn obbligazzjoni kuntrattwali jew kif iddecidiet il-Prim-Awla tal-Qorti Civili,[5] '*wahda li tixbahha*'.

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz dwar din l-eccezzjoni kif ghandu jaghmel min jaghti eccezzjoni bhal dik ta' preskrizzjoni li l-intenzjoni tkun li twaqqaf il-kaz.

L-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

Fir-raba' eccezzjoni il-provditur tas-servizz jghid li l-ilmentaturi ressqu ilment kontradittorju bejn it-talbiet u r-rimedju mitlub. L-Arbitru ma jsib xejn inkompatibbli jew kontradittorju fl-ilment ghaliex l-ilmentaturi qed jghidu li l-

[2] *Bold* tal-Arbitru
[3] A fol. 77 u 79
[4] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.*, PA, 1/06/2017
[5] '*Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'*, deciza fid-19 ta' Mejju 2005

provditur tas-servizz naqashom b'mod li tilfu flushom u qed ifittxu rimedju kumpensattiv minghand l-Arbitru. M'hemm xejn hazin f'dan ghaliex il-Kap. 555 jipprovdi b'mod specifiku taht l-Artikolu 26 li jekk l-ilment jirrizulta *in parte* jew *in toto*, l-Arbitru jista' jaghti rimedju kumpensattiv. U hekk qed jitolbu l-ilmentaturi.

Barra minn hekk, tant il-provditur tas-servizz fehem l-ilment, li ghamel risposta estensiva. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Fil-hames eccezzjoni l-provditur tas-servizz jghid li huwa kien biss intermedjarju u ma kellux kontroll fuq il-gestjoni tal-investiment.

L-Arbitru jinnota li l-ilment **jirrigwardja l-imgiba tal-provditur tas-servizz** fil-bejgh tal-prodotti u mhux qed jigi allegat li hu iggestixxa l-prodotti b'mod hazin. L-ilmentaturi qed ifittxu lill-provditur tas-servizz li kien *Licence Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, kien obbligat li jimxi mar-Regolamenti[6] li harget l-istess *MFSA*, li jagixxi *in buona fede* u josserva l-obbligi kuntrattwali li dahal ghalihom meta ta pariri u biegh il-prodott li l-ilmentaturi qed jaghmlu ilment dwaru.

F'dan il-kuntest il-provditur huwa l-principal u mhux intermedjarju. Il-kelma intermedjarja intuzat fis-sens ekonomiku taghha imma l-provditur tas-servizz kien qed jaghti servizz ta' parir u investiment fil-qasam tas-servizzi finananzjarji u jekk naqas mill-obbligi tieghu irid iwiegeb ghal dan.

Fl-ebda mument ma l-provditur ressaq xi prova li hu kien qal lill-ilmentaturi li hu kien qed jagixxi f'isem haddiehor u li ma kienx ser jassumi r-responsabbiltà. Anke kieku ghamel hekk, xorta wahda bhala *Licence Holder* mill-*MFSA*, u wkoll bhala '*provditur tas-servizz'* kif definit fl-Art. 2 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, kull provditur tas-servizz li jaghti servizz f'dan il-qasam irid iwiegeb ghal ghemilu u kull klijent ta' dan is-servizz ghandu l-jedd li jressaq l-ilment quddiem l-Arbitru u jitlob kumpens minghandu.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Fil-Mertu**

[6] *Investment Services Rules for Investment Services Providers: Part B: Standard Licence Conditions (SLC)*

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li, fil-fehma tieghu, huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[7]**

Biex jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu l-Arbitru ser iqis il-verzjoni tal-partijiet, janalizza l-prodott, iqis id-dokumenti esebiti u jara jekk il-prodott mibjugh kellux jinghata lill-ilmentaturi filwaqt li jqis il-kondotta tal-provditur tas-servizz waqt li kien qed jinghata s-servizz.

***Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi***

**VB** xehdet[8] li hija u zewgha kien ilhom jafu lil Wallace Falzon ghax kien imur ibieghilhom xi poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja u kien investielhom xi flus fl-*ARM* u wara fl-*LMMPF.*

Huwa kien jghidilhom li l-prodott kien wiehed tajjeb u b'imghax attraenti izda qatt ma qalilhom li kien hemm riskji marbutin mieghu. Qatt ma ssemmew kliem bhal '*Execution Only*' jew '*Promote and Sell*' u lanqas biss jafu xi jfissru. Huma kienu qaghdu fuq il-pariri tieghu u qatt ma qalilhom li ma kienx qed jaghtihom parir.

Huma ffirmaw fejn qalilhom Wallace Falzon ghax kienu jafdawh. Hija kienet qaltlu sabiex ma jissugrax flushom li kienu faddlu b'tant sagrificcji. Huwa qalilhom li ma kienx hemm riskju, tant li kien hemm garanzija mill-Gvern li kienet ta' €100,000 ghal kull persuna.

Fuq parir tieghu cedew xi poloz li kellhom u bir-rikavat minnhom ta' €40,458.94, u b'zieda ta' xi flus ohra, lahhqu s-somma ta' €50,500, u gew investiti fl-*ARM.* Peress li kien hemm l-inkwiet fuq l-*ARM*, hija u zewgha inghataw il-kapital lura izda dan il-kapital ma rawhx ghaliex Wallace Falzon qalilhom li kien ser imur id-dar taghhom u jghidilhom fejn jinvestu dawn il-flus.

Il-laqgha saret fil-11 ta' Jannar 2011, fid-dar taghhom fejn kien hemm hi, zewgha u huha MM. Falzon gab cekkijiet mahruga minn *All Invest* favur l-istess *All Invest* li kienu jirrapprezentaw ir-*refund* ta' tnejn minn tlett investimenti fl-*ARM*, jigifieri €50,500 taghha u ta' zewgha u €130,000 ta' MM. Qalilhom biex jinvestuhom fl-*LMMPF.* Qalilhom li dan l-investiment kien fl-Awstralja fejn

---

[7] Kap. 555, Art. 19(3)(b)
[8] A fol. 54-56

lanqas kienet inhasset il-krizi internazzjonali. Qalilhom li dan il-fond kien sikur tant li anke hu investa fih u kien ihalli imghax tajjeb. Qalilhom biex jinvestu flushom ghal tliet snin u kienu jiehdu imghax ta' 8% fis-sena.

Fl-2013 semghu li l-investiment kien falla. Ghamlet diversi ilmenti ma' *All Invest* u anke marret personalment Haz-Zabbar imma kien kollu ghalxejn.

Il-provditur tas-servizz qatt ma spjegalhom dak li ffirmaw ghalih li kien bl-Ingliz, li huma ma kinux jifhmu.[9]

**RB**[10] ikkonferma dak li xehdet martu VB, u qal li seta' jaghmel dan ghax dejjem kien ikun prezenti ghal laqghat ma' Wallace Falzon.

**MM** ukoll ikkonferma dak li xehdet ohtu VB, u wkoll kien ikun prezenti ghal-laqghat mal-provditur tas-servizz.

***Il-Verzjoni tal-Provditur tas-Servizz***

**Wallace Falzon,** ghall-provditur tas-servizz, ghamel *affidavit* kif ukoll xehed quddiem l-Arbitru fil-kontroezami.

Fl-*affidavit* tieghu xehed illi huwa kien jaf lill-ilmentaturi peress li VB kienet xtrat xi poloz tal-*MSV LIFE p.l.c.* Wara kien investielhom fl-*ARM*, hu jghid li ma jiftakarx li fl-2007 kien tahom parir biex isarrfu l-investiment li kellhom fl-*MSV* biex jinvestuhom f'investiment differenti. Jghid li kienu jkunu prezenti l-ilmentaturi kollha imma VB kienet tiehu *leading role.* Issuggerielhom l-*ARM* ghaliex riedu dhul aktar u hu spjegalhom li, allura, kellhom riskju akbar.

Jghid li qalilhom li ma kienx qed jaghtihom parir. Jikkonferma li l-ilmentaturi hadu flushom lura mill-*ARM* u Francis ha lura wiehed mill-investimenti fl-*ARM* u l-iehor ma hadux permezz ta' *All Invest* izda mill-Ingilterra.

Jaqbel mal-ilmentaturi li kien mar ghandhom biex jaghtihom parir fejn setghu jinvestu l-flus li dahhlu mill-*ARM* li ma kinetx licenzjata u inghataw flushom lura.

Jghid li l-ilmentaturi kienu ghamlu diversi investimenti mieghu qabel l-*LMMPF*.

[9] A fol. 54 et seq
[10] A fol. 56

Jghid li dan il-prodott fl-2011 kellu *track record* tajjeb ghalkemm ma kellux il-kapital garantit. Jghid li qalilhom b'dan apparti l-vantaggi.

Qalilhom li l-*LMMPF* kien prodott li jinvesti fil-proprjetà fl-Awstralja u hu qaghad fuq dak li kien qallu André Micallef, direttur tal-*MFSP* li kienet l-agent lokali tal-*LMMPF*. Micallef qallu li kien ra l-proprjetà fl-Awstralja.

Il-provditur tas-servizz kien fiducjuz li l-prodott kien idoneju ghall-ilmentaturi. Meta feggew il-problemi fil-fond sar jaf li d-diretturi tal-fond instabu mir-regolatur Awstraljan li kienu negligenti.

***Il-Prodott LM Managed Performance Fund (LMMPF)***

L-ilmentaturi ghamlu l-investiment fl-*LMMPF* f'Jannar 2011.

Sa dakinhar, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *Updates* dwar l-andament tal-investiment. Dawn kienu kollha fid-dominju pubbliku u accessibbli ghal kull provditur ta' servizz li ried jaghmel *due diligence* tajba qabel ibiegh il-prodott.

Taht il-ligi tal-korporazzjonijiet Awstraljana, skema ta' investiment li principalment thaddan fiha kapital minn eghjun internazzjonali mhux mitlub minnha li tkun registrata. Infatti, l-*LM Managed Performance Fund* ma kienx registrat mar-regolatur Awstraljan (*Australian Securities & Investment Commission*) u, allura, il-fond ma kellux l-istess obbligu ta' *disclosure* u rapportagg bhal fondi ohra.[11]

Fi Frar 2014,[12] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fis-sena 2001, u kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat.

Skont *Summary Flyer* mahrug f'Lulju 2008,[13] il-fond huwa deskritt bhala wiehed ta' rendiment ta' introjtu gholi u b'rekord tajjeb ta' ghoti ta' introjtu attraenti lill-investituri b'zero volatilità fil-prezz tal-*units*. Il-fond jimmira li jaghti introjtu

[11] Perezempju, bhal dawk li kienu imhaddma minn *LMIM*, cioè, *LM Investment Management Limited*, il-*Fund Manager* ta' *LM Managed Performance Fund*

[12] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

[13] http://oysterbayfundsdirect.com/documents/1302399878_LM%20mpf%20summary.pdf (accessat 22 ta' Marzu 2017)

kontinwu, stabbli u jipprovdi investment bi prezz stabbli. Il-fond kellu jinvesti f'self kummercjali, direttament fi proprjetà, fond iehor ta' *LMIM* u flus kontanti.

Dwar l-aspett ta' fejn kellu jinvesti l-*LM Managed Performance Fund*, wiehed irid jirreferi ghall-*Information Memorandum and Application,* li kien dokument li jaghti deskrizzjoni amplifikata tal-karatteristici tal-fond, kif u fejn seta' jinvesti, kif ukoll min seta' jinvesti f'dan il-fond.[14]

L-oggettiv ta' dan il-fond kien li jippartecipa b'mod attiv f'pozizzjonijiet simili bhala proprjetarju f'assi Awstraljani ta' proprjetà immobbli. Il-fond seta' juza strutturi ta' self ghall-assi tieghu. Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[15] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[16]

Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond** . Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità. Hemm riskji ohra: li l-kapital mhux garantit u varjazzjoni tal-valur, kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli, u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, is-*Summary Flyer* jghid hekk:

---

[14] L-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji ghandu zewg verzjonijiet ta' dan l-*Information Memorandum and Application*. Wiehed huwa datat 25 ta' Novembru 2009 (https://promo-Manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf) u l-iehor datat 1 ta' Novembru 2011 (http://therapeofhongkong.com/wp-content/uploads/2015/01/LM-MPF-Information-Memorandum-1-Nov-2011.pdf). Dawn iz-zewg dokumenti jidhru *hosted* fuq *servers* tal-i*nternet* li ma jippartjenux ghal-*LMIM*. Is-sit ufficjali ta' *LMIM* m'ghadhiex aktar tezisti. Mil-lat ta' kontenut, iz-zewg dokumenti jixxiebhu ferm. Fejn jirrigwarda min jista' jinvesti fil-fond, il-karatteristici baqghu l-istess.

[15] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[16] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

***"Australian resident investors must provide required certification of wholesale/sophisticated investor status, as detailed within the current Information Memorandum. Investors who do not reside in Australia <u>do not have to certify as a wholesale/sophisticated investor</u>."***

L-*Information Memorandum* jamplifika dak li jghid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setghu jinvestu fil-fond. Però, bhala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale*" jew "*sophisticated*".

Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja ghall-investituri li gejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jaghmel referenza specifika ghal "*wholesale*" u "*sophisticated investors*" f'kaz ta' "*Australian resident investors*" biss. Dan il-punt huwa msahhah izjed meta wiehed jikkonsidra l-i*statement* car maghmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taht it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg. 11) jintqal kif gej:

***"To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager."***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **qabel ma nbiegh l-investiment fl-*LM*** lill-ilmentaturi, kien hemm aggornament fir-rigward tal-andament tal-portafoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke il-*withdrawal timeframes*.

1) F'dan l-*Update* hemm paragrafu taht it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jigi infurmat li jista' jaghti l-kaz li minn zmien ghal zmien, jista' jkun necessarju li jigu estizi t-*timeframes* ghal hrug ta' pagamenti ghal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti ghal gbid.
2) Dan il-mekkanizmu jidhol fis-sehh "*...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...*".

   Ikompli hekk il-paragrafu:

   "*The need to implement this measure to protect the fund <u>arose for the first time last year</u>, as per the Information Memorandum. <u>Timeframes for</u>*

*withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible."*

3) Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[17]

4) Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew ikklassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond. Jintqal li l-*Manager* se jkun hu li wahdu issa se jizviluppa l-proprjetà li kienet intiza li tigi zviluppata b'dan is-self u li mill-profitti ggenerati minn dan l-izvilupp huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

L-assi tal-*fund* kienu mqassmin hekk: f'Lulju 2010 - 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

Meta wiehed jigi biex janalizza prodott wara li jkun falla jrid joqghod attent li ma jirragunax u janalizza *with the benefit of hindsight*.

Imma l-*LMMPF* kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), jibqa' dejjem il-fatt li kien *property loan fund***.**

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità huwa hafna drabi aspett prevalenti hafna**.

**Ir-riskju ta' likwidità ma kienx misthajjel jew ezercizzju akkademiku imma reali ghal dan il-fond.**

Aspett bhal dan ma kellu qatt jigi skartat jew ma jinghatax priorità fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz.

Wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz ghandu jkun dahal f'izjed approfondiment tal-anqas ta' dawn il-fatturi fl-assessjar tal-prodott biex ikun

[17] (https://promo-Manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh jew jirrakkomanda lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza, huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan kien fond partikolari; meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC.*

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid, mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u l-*brochures* imsemmija hawn fuq, ma kinux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizz lokali u mhux joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra mill-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn; parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghal investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja, jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess jew livell simili ta' protezzjoni applikat fir-rigward ta' investituri Awstraljani.

Fil-kontroezami, Wallace Falzon, jikkonferma li l-*Prospectus* tal-*LMMPF* ma kienx studjah u lanqas il-*Financial Statements* tal-*LMMPF*. Lanqas ma kien jaf bil-*Product Update* tal-31 ta Lulju 2010, u, allura, l-Arbitru huwa konvint li l-provditur tas-servizz ma kienx ghamel *due diligence* tajjeb tal-prodott.

***Jekk il-Prodott kienx 'suitable' ghall-Ilmentaturi***

L-oneru tal-prova li l-*LMMPF* kien '*suitable*' ghall-ilmentaturi jaqa' fuq il-provditur tas-servizz ghaliex bhala *Licence Holder* kellu l-obbligu li skont SLC 2.16[18] mahrugin taht l-*Investment Services Act* u in linea mad-Direttiva *MiFID,* jaghmel *suitability test:*

'2.16 *The Licence Holder shall obtain from clients or potential clients, such information as is necessary for the Licence Holder to understand the essential facts about the client and to have a reasonable basis for believing, giving due consideration to the nature and extent of the service provided, that the specific transaction to be recommended, or entered into in the course of providing a portfolio management service, satisfies the following criteria:*

*a. the types of service, transaction and Instrument with which the client is familiar;*

*b. the nature, volume, frequency of the client's transactions in Instruments and the period over which they have been carried out;*

*c. the level of education, profession or relevant former profession of the client or potential client.'*

Dan peress li s-servizz moghti kien wiehed ta' parir ghaliex mhuwiex kredibbli dak li qal il-provditur tas-servizz li hu qalilhom li ma kienx qed jaghtihom parir. Mela x'mar jaghmel Wallace Falzon ghand l-ilmentaturi? Mill-profil taghhom jirrizulta li l-livell tal-edukazzjoni taghhom kien wiehed limitat u ma kinux xi nies b'xi esperjenza fl-investimenti. Kienu *retail clients* u kellhom jinghataw kull parir u kull protezzjoni specjalment meta jitqies l-ammont kbir ta' flus li investielhom il-provditur tas-servizz.

L-Arbitru m'ghandux ezitazzjoni jemmen il-verzjoni li taw l-ilmentaturi. Apparti li x-xhieda taghhom hija korroborata, ix-xhieda li ta Wallace Falzon m'hijiex daqstant kredibbli. Filwaqt li jghid li ma tax parir, fl-istess nifs, jixhed li spjegalhom in-natura tal-prodott u tahom informazzjoni dwar ir-riskji. Jghid li kellhom diversi investimenti minghajr ma jgib l-icken prova dwar dan.

[18] *Investment Services Rules-Standard Licence Conditions (SLC)*

Jghid li l-prodott kellu *track record* tajjeb meta ftit xhur qabel l-investimenti *de quo* hareg *Information Update* li kien juri l-problemi ta' likwidità li kellu l-prodott.

Il-provditur ma rnexxilux jipprova li l-prodott kien jilhaq l-aspirazzjonijiet tal-ilmentaturi li f'età avvanzata zgur li ma riedux jinvestu fi prodott fejn il-kapital ma kienx garantit kif jammetti *ex admissis* Wallace Falzon.

It-tieni kriterju tas-*suitability test*, jigifieri li l-ilmentaturi kienu jifilhu jgorru t-telf (*loss absorption capacity*) ma giex lanqas ippruvat mill-provditur tas-servizz.

It-tielet kriterju tas-*suitability test* ukoll ma giex sodisfatt ghaliex l-ilmentaturi ma kinux nies midhla tal-investimenti finanzjarji u l-uniku prodott li kellhom qabel l-*LMMPF*, li bieghulhom il-provditur tas-servizz stess, kien l-*ARM* li fir-realtà ma sar investiment xejn ghaliex inghataw il-flus lura.

Anke dan il-prodott sar fuq parir tal-provditur tas-servizz u l-ilmentaturi kienu nvestew fih mhux ghaliex kienu nies jifhmu fl-investimenti imma ghaliex taw il-fiducja taghhom lill-provditur tas-servizz li bhala l-espert kellu jiggwidahom hu. L-istess jintqal ghall-investiment *de quo.* Jidher evidenti li l-ilmentaturi ma kellhomx '*the necessary experience and knowledge in order to understand the risks involved in the transaction.'*

Ghalhekk jirrizulta ampjament li dan il-prodott ma kienx '*suitable*' ghall-ilmentaturi u qatt ma kellu jigi suggerit lilhom.

Barra minn hekk, il-provditur tas-servizz m'ghamilx assessjar tajjeb tal-prodott ghaliex mill-*Information Updates* li kienu johorgu fid-dominju pubbliku, il-kumpanija li harget dan l-investiment kienet infurmat lil kulhadd li kellha problem ta' likwidità. Il-provditur tas-servizz jammetti li ma kienx qed isegwi dan, kif kellu l-obbligu li jaghmel, qabel joffri dan il-prodott lil *retail clients* bhall-ilmentaturi u b'hekk m'agixxiex skont il-prassi professjonali li kien mistenni minnu u l-bejgh ta' dan il-prodott ma kienx jilhaq l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumaturi kif jistabbilixxi l-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta.[19]

Il-provditur ma qediex l-obbligi kuntrattwali tieghu li johorgu min-natura ta' dan il-kuntratt li huwa kuntratt ta' natura specjali ghaliex min jaghti dawn is-servizzi

---

[19] Art. 19(3)(c)

irid josserva r-rekwiziti imposti fuqu mir-Regoli[20] li gabu fis-sehh id-Direttiva *MiFID* mahruga mill-Unjoni Ewropea, li l-intenzjoni taghha kienet li taghti protezzjoni akbar lill-konsumatur mhux professjonali.

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jqis li dan l-ilment huwa gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

Peress li sar bejgh hazin ta' prodott, l-ilmentaturi ghandhom kemm jista' jkun jitpoggew fil-qaghda finanzjarja taghhom qabel ghamlu dan l-investiment.

L-ilmentaturi RB u VB investew is-somma ta' €50,500.[21] Fil-kaz tal-konjugi RB u VB, l-Arbitru m'ghandu l-ebda prova dwar x'imghaxijiet setghu thallsu u, ghalhekk, ma jista' jnaqqas l-ebda imghax.

Fil-kaz ta' MM, dan investa s-somma ta' €130,000,[22] u rcieva imghax ta' €5,070.56[23] u, ghalhekk, tilef l-ammont ta' €124,929.44.

**Ghaldaqstant, *ai termini* tal-Artikolu 26(3)(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lill-*All Invest Co. Ltd*. thallas lill-ilmentaturi RB u VB s-somma ta' hamsin elf u hames mitt ewro (€50,500) u lil MM is-somma ta' mija u erbgha u ghoxrin elf, disa' mija u disgha u ghoxrin ewro u erba' u erbghin centezmu (€124,929.44).**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**Bl-ispejjez kontra l-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[20] Dawn ir-Regoli mahrugin taht il-Kap. 370 tal-Ligijiet ta' Malta.
[21] A fol. 77, 76
[22] A fol. 78 u 79
[23] A fol. 80